IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru31 (wieħed u tletin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar il-Erbgħa 23 ta' Jannar, 2021, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**31.1. Item Nru 31.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

31.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.40pm u kulħadd kien preżenti.

**31.2. Item Nru. 31.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

31.2.1. il-Minuti tal-laqgħa 28 ittieħdu bħala moqrija u kien hemm din il-korrezzjoni:

Minuta 28.3.5 Is-Sa. Rosabelle qalet li hi kienet semmiet li "għaliex qiegħda f' zona ta' żvilupp" u "biex nibdew billi ngħarrfu r-residenti"
Wara din il-korrezzjoni l-minuti tal-laqgħa 28 ġew approvati.

**31.3 Item Nru. 31.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

31.3.1 Is-Sindku Neil Attard qal li għandna proposta mingħand *The Notebook Centre* biex ir-residenti tax-Xgħajra isewwu laptops/computers f'dak li għandu x'jaqsam ma'

formatting, viruses b'xejn u l-kunsill iħallas l-ammont ta' 2,500 għal sena sħieħa. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

31.3.2 Is-Sindku qal li t-tender tal-Knis ser tagħlaq għada u mbgħad inkunu nistgħu inkomplu bil-proċess billi l-bord tal-evalwazzjoni jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu.

31.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-possibilta ta' kirja tal-*Multipurpose Hall* u qal li kif diga tkellimna qed nistennew mingħand il-Perit Bezzina sabiex itina stima ta' kemm jinkera post bħal dan sabiex tkun tista toħroġ is-sejħa għal *expression of interest.* Il-Kunsill irrimarka li ilna nistennew dan mgħand il-Perit pero sar qbil biex intuh deadline sa nhar it-Tnejn li ġej.

Is-Sindku qal li s'issa għanda indikazzjoni m'għand il-Perit Charles Buhagiar li qalilna madwar €1,000. Is-Sa. Rosabelle Pulis ma qablitx għaliex qalet li mhux figura realistika.

31.3.4 Is-Sindku li bħalissa għaddej xogħol fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja quddiem Eastend Court fejn hemm parti bil-konkos. Għalhekk il-Kuntrattur ser iqaxxar it-triq u jerġa jagħti il-wisa kollu.

31.3.5 Is-Sindku tkellem fuq il-Progett tal-*jogging track* u qal li tkellimna mad-Direttur Generali s-Sur Natalino Attard u kkonferma li għandna 300,000 oħra allokati. Sadanittant il-Perit Bezzina applika għal full Development Permit u għandna nistennew il-konferma mil-Planning Authority.

Is-Sindku qal li talab meeting mal-Ministru tal-Finance l-Onor. Clyde Caruana sabiex jitkellem miegħu dwar il-possibilta li niġu eżentati mil-VAT fuq dan il-proġett. Dan għaliex l-istima originali hija ta' €1.5M u fiha hemm madwar €250,000 VAT . Bħalissa il-fondi disponibbli b'kollox huma ta' €1,050,000 u għalhekk ser inkunu f'posizzjoni aħjar jekk jinqatgħu tal-VAT għaliex meta tinħareġ tender il-prezz jista jitnaqqas ukoll minħabba l-kompetizzjoni.

**31.4 Item Nru 31.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

31.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet dwar il-petizzjoni li hemm bħalissa għaddejja fuq Facebook. Is-Sindku qal li dik dwar l-applikazzjoni f'ODZ li hemm laqgħa l-Planning Authority nhar il-Ġimgħa li ġej. Kulħadd huwa mistieden jattendi online.

31.4.2 Is-Sa Pulis staqsiet jekk nistgħux nagħmlu xi ħaġa fuq it-tapit tal-bandli għaliex tawweġ kollu u jinsab perikoluż. Il-Kunsill qabel li tinxtara l-kolla biex jiġi rranġat b'mod temporanju.

31.4.3 Is-Sur Camilleri staqsa dwar il-Bus Shelters fiex waslu. Is-Segretarju qal li dawn suppost għandhom isir fix-xhur li ġejjin għaliex il-permessi jidher li ġew approvati. Għalhekk ser tintbgħat email ta' tfakkira pero qabel isir ta' Triq l-Ispnott ser nikkomunikaw mal-Public Transport dwar il-possibilta li jsir bus stop ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jerġa jibgħat tfakkira lis-Sur Ivan Pierre Vella.

31.4.4 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk nistgħu nirranġaw il-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja bil-ħaddiema tagħna. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ser jassenja l-ħaddiema biex jirrangawh.

31.4.5 Is-Sa Borg staqsiet ukoll jekk għandniex aktar informazzjoni dwar ir-railing tax-xatt. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li s'issa ma għandna l-ebda informazzjoni ġdida.

31.4.6 Is-Sa Borg staqsiet jekk nistgħux nirrangaw il-fence li hemm fil-bandli propju fuq il-garage. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ser jassenja l-ħaddiema biex jirranġawh.

**31.5 Item Nru. 31.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

31.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**31.6 Item Nru. 31.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

31.6.1

**31.7 Item Nru. 31.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

31.7.1 Pagamenti b'numru 100 ġew approvati unanimament.

**31.8 Item Nru. 31.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

31.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**31.9 Item Nru. 31.9 fuq l-Aġenda – Performance Bonus tal-Ħaddiema**

31.9.1 Is-Sindku ipprezenta l-performance Appraisal tal-Ħaddiema u irrakomanda li s- Segretarju Eżekuttiv jingħata l-*performance bonus* kollu ta' 10%. Din ir-rakkomandazzjoni ġiet issekondata mil-Kunsillier is-Sur Anthony Valvo u approvata b'mod unanimu mil-Kunsill.

IX-XGĦAJRA

Is-Segretarju ippreżenta l-Performance Appraisal tas-Sa. Josette Camilleri u s-Sa. Rita Said u rrakkomanda li jingħataw il-bonus massimu iġifieri dak ta' 6%. Kulħadd qabel ma' din ir-rakkomandazzjoni.

31.9.2 Is-Sindku issuġġerixxa wkoll li jingħataw bonus il-ħaddiema manwali wkoll Noel Bonnici, Nazzareno Caruana u tal-uffiċċju, s-Sa Miriam Buhagiar. Kulħadd qabel li l-ħaddiema manwali jingħataw daqs kemm jieħdu tal-Community Workers Scheme u tal-Ufficcju daqs tal-uffiċċju.

**31.10 Item Nru. 31.10 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

31.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.39pm

Aġġornament għal-nhar l-XXXX

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| _______________________ | _______________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693319
E-Mail xghajra.lc@gov.mt